MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 37/2010

**Joseph Cassar Aveta**

**vs**

**Burmarrad Commercials Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Frar 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro (€11,646) ekwivalenti ghas-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) bl-imghax relattiv mis-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju, 2004, liema somma giet mizmuma indebitament u minghajr kawza u b'hekk b'arrekkament ingustifikat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali inkluza dik tat-tletin (30) ta' April, 2008, u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata nhar is-16 ta' Marzu 2010 fejn eccepiet:

1. "*Illi in linea preliminari t-talba attrici hija preskritta skond il-ligi.*
2. *Illi sussidarjament u bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti ebda ammont kif qed jintalab.*
3. *Illi sussidarjament u bla pregudizzju ghall-premess kien proprju l-attur li naqas mill-ftehim u negozju li kien sar bejn il-partijiet liema ftehim kien jittratta ta' tpartit/bejgh, liema ftehim jigi spjegat fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*
4. *Salv eccezzjoni ulterjuri*."

Illi nhar it-tnax (12) ta' Jannar, 2011, xehed l-attur **Joseph Cassar Aveta** fejn ikkonferma li kien biegh trakk Isuzu u forklifter lis-socjeta' konvenuta, in kontro kambio ghal hamest elef Liri Maltin (Lm5,000). Sussegwentement, kienu ftehmu li kellu jiehu karozza minghandu u jaghtih id-differenza, izda meta mar biex jigbor il-karozza inqalghet kwistjoni u l-karozza ma hadhiex. Fil-fatt qal li lanqas flus ma ha. Ghalhekk huwa tah it-trakk u l-forklifter u in kontro kambio ma ha xejn minghand il-konvenut. Qal li dawn jinsabu fil-pussess effettiv tal-konvenut ghalkemm it-trakk ghadu registrat fuq ismu. Il-forklifter mhux registrat ghal fuq it-triq. Tenna li huwa ma regax kellimhom lil ta' Burmarrad Commercials u dan ghaliex kienu gew bit-theddid u kien telaq 'l barra meta kien mar ikellimhom l-ahhar. Huwa ghamel din il-kawza sabiex jithallas l-ammont imsemmi fir-rikors promotur. Mistoqsi jekk kienx hemm xi xhieda fuq dan in-negozju jghid li kien hemm martu. Mistoqsi ma' min ghamel in-negozju wiegeb li ghamlu mal-missier, Mario Gauci senior.

Illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 2011, rega' xehed l-attur **Joseph Cassar Aveta** u spjega li l-vettura li kien tah kienet tal-ghamla Toyota Platz u li anke l-licenzja tal-

karozza tah biex ikun jista' jillicenzjaha. Spjega illi l-kwistjoni bejniethom inqalghet ghaliex il-konvenut beda jallega li huwa kellu itih xi flus.

Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dokument Z li jindika li huwa kien qed ibieghlu it-trakk ghall-prezz ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500). Fuq dan id-dokument hemm il-firma kemm tieghu kif ukoll ta' Mario Gauci li huwa d-direttur tas-socjeta' konvenuta.

In segwitu, jaf li tah ukoll xi fork lifter u kienu stmawh ghas-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) u dan kif jirrizulta mid-Dokument Z1 li huwa esebixxa. Il-konvenut talbu sabiex jaghmel 'invoice' wahda ta' kollox u hekk ghamel u hadhielu biex jiffirmaha fejn fuqha sab xi notamenti miktuba minn persuna li tahdem mas-socjeta' konvenuta. Tenna li meta ghaddhielu id-Dokument Z 1 fuq il-karta ma kienx hemm kliem miktub bil-"hand writing" u dak gie mizjud wara li hu ffirma d-dokument. Jidher li s-sur Gauci kiteb li huwa kellu jiehu xi merkanzija bi tpartit minghand il-konvenut. Qal li sa illum la flus u lanqas tpartit ma ha minghand il-konvenut. Jiftakar li darba kien fl-ufficju tal-konvenut u meta talbu x'inhuma l-bilanci, dan qabad jirrabja u kecca lill-attur 'il barra. Prezenti ghal din il-meeting kien hemm l-attur, il-mara tieghu u Mario Gauci. Sussegwentement, wara din il-laqgha, il-kuntatt li kien hemm bejniethom kien tramite l-avukati.

L-attur iddikjara li huwa ghadu dovut is-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) ekwivalenti ghal hdax–il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro (€11,646) kif indikat fir-rikors promotur. Tenna li Gauci qatt ma qallu ghaliex ma jridx ihallsu.

**Noel Gauci,** General Manager tas-socjeta' konvenuta, xehed nhar is-6 ta' Gunju 2012 fejn mistoqsi jekk kienx involut fil-kwistjoni mal-attur wiegeb fil-pozittiv. Qal li fiz-zmien huma kienu bieghu vettura lill-attur, pero' jaf li wara xi zmien l-attur ma baqax bin-negozju li kellu u xtaq jehles mill-karozza, u dana kien Isuzu Elf Refrigirated truck registration number ADJ 872. Effettivament qal ukoll li dan kien xtrah *hire purchase* u kien ghad baqa' bilanc. Huma

kienu lesti li jerghu jixtru l-vann lura minghandu u jaf li kienu waslu ghal xi ftehim, fis-sens li jaqtghu il-bilanc li kellu jaghtina u kienu ftehmu ghal xi bilanc. Kienu ftehmu li dwar il-bilanc huwa kellu jiehu affarijiet ohra minghandhom. Dan skont il-ftehim esebit fl-atti af fol 18 immarkat bhala dokument Z1. Ma jidhirlux minn mindu ftehmu l-ammont effettivament l-attur kien xtara jew ha xi affarijiet minghandhom. Tenna li fuqu pero’ ma kellux kemm hu l-bilanc u kemm fil-fatt ghandhom jaghtuh illum il-gurnata.

In kontro-ezami nhar l-14 ta’ Gunju 2012, **Noel Gauci** esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dokument Z u qal li skont dan id-dokument jirrizulta li effettivament l-attur kien xtara zewg karozzi minghandhom tal-ghamla Isuzu u Mitsubishi u dan kien fil-5 ta’ Awissu 2010. Il-prezz komplessiv taghhom kien jammonta ghal dsatax–il elf, sebgha mija u disgha u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€19,799.68). Zied jghid li sussegwentament huma regghu hadu il-Mitsubishi lura minghand l-attur u qatghu mis-somma li huwa kellu jaghti, u cioe’ is-somma ta’ tlettax–il elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€13,221.53) u ghalhekk kien ghad baqghalu jaghtihom bilanc ta’ sitt elef, hames mija u tmienja u sebghin Ewro u hmistax-il centezmu (€6,578.15). Ikkonferma li dan il-bilanc l-attur kellu johodhom minghandhom bhala xogholijiet, u li sallum il-gurnata, ghad baqa’ dan il-bilanc. Esebixxa wkoll zewg dokumenti rigwardanti l-bejgh ta’ dawn iz-zewg vetturi in kwestjoni li saru lill-istess attur. Dawn qed jigu mmarkati mill-Qorti bhala dokument Z1 u Z2.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza nhar it-28 ta’ Novembru 2012 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Is-socjeta’ konvenuta in primis eccepiet li l-azzjoni hija preskritta minghajr ma indikat l-Artikolu tal-Ligi li huwa applikabbli ghall-kaz. Illi kif gie kostantement ripetut fil-gurisprudenza nostrana, l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu wiehed ikun qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, ghandha tigi indikata b’mod car u esplicitu minn min jinvokaha (‘**Francis Bugeja nomine vs Indria Mercieca’**, Appell 29 ta’ Mejju 2000).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Aede Inferjuri nhar l-20 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Martin Aquilina vs Christopher Friggieri',** "*Il-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata - Artikolu 2111 tal-Kodici Civili - u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha*."
Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet '**Naudi Ronald noe vs Unispeed Shipping And Forwarding Ltd'** irriteniet li:
"*Minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva";*
*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu;"*
Kif qalet il-Qorti fil-kawza Citazzjoni Numru 1791/99 fl-ismijiet '**Maltacom plc gja Korporazzjoni Telemalta vs Saline Co. Ltd',** deciza fit-30 ta' Novembru 2004:
"...*Inoltre skond l-Art. 2111 il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata, li jfisser li l-Qorti ma tistax tissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvoka*" (P.A. (PS) '**Donald Manche noe vs Joseph Said'** – 28 ta' Gunju 2003 – sottolinear ta' din il-Qorti).
Illi ghalhekk a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.
Illi dwar il-mertu, is-socjeta' konvenuta qed tghid li hija m'ghandha taghti xejn kif hekk mitlub u ghalhekk din il-Qorti trid taghmel aprezzament tal-fatti u provi prodotti.

L-attur in poche parole jghid li huwa kien ghamel negozju ma’ Mario Gauci ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li huwa biegh vettura tal-ghamla Mitsubishi Numru ta’ Registrazzjoni DBH 561 ghal prezz ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) flimkien ma’ Fork Lifter tal-marka Hyster ghall-prezz ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500). L-attur jghid li meta huwa kien iffirma d-dokument Z1 esebit fl-atti a fol. 18 ma kienx hemm il-kitba bil-pinna fuqha u dak li hemm imnizzel gie mizjud wara. Jghid li huwa qatt ma ha xejn in kontro-cambio u qatt ma thallas dak dovut lilu u ghalhekk ikkonferma li ghandu jiehu l-ammont mitlub fir-rikors promotur.
Noel Gauci ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta jaghmel referenza ghall-ftehim esebit mill-attur markat bhala dok Z1 esebit a fol 18 u jirrikonoxxi n-negozju li is-socjeta’ konvenuta ghamlet ma’ l-attur kif konfermat bl-invoice datat 26 ta’ Mejju 2004 u jghid li verament is-socjeta’ konvenuta kienet debitrici ta’ l-attur fis-somma mitluba minnu pero’ jghid li dan l-ammont, li llum m’ghadux l-istess, l-attur ghandu jiehdu billi jixtri xi affarijiet minghandhom kif del resto hemm miktub u dan sal-ammont bilancjali restanti llum. Gauci jghid li minn meta l-kontendenti iffirmaw l-ftehim esebit a fol 18, l-attur kien xtara zewg karozzi u cioe’ wahda tal-ghamla Isuzu u l-ohra tal-ghamla Mitsubishi u dan fil-5 ta’ Awwissu 2010 u l-prezz komplesiv taghhom jammonta ghal €19,799.68. Jghid li pero’ l-attur kien rega’ bdielu u kien irritorna lura l-Mitsubishi li giet stmata ghall-prezz ta’ €13,221.53 u ghalhekk kien ghad baqa’ bilanc ta’ €6,578.15 bhala kreditu lejn is-socjeta’ konvenuta mill-attur. Waqt li l-attur kellu l-kreditu fl-ammont ta’ €11,646 minghand is-socjeta’ konvenuta. B’hekk illum id-differenza li hemm bejn dak dovut hija is-somma ta’ hamest elef u sebgha u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€5,067.85) [is-somma dovuta mis-socjeta’ kovenuta lill-attur fis-somma ta’ €11,646 neqsin is-somma dovuta mill-attur lis-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ €6,578.15 = €5,067.85].
Ghalhekk illum il-gurnata is-socjeta’ konvenuta hija debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ hamest elef u sebgha u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€5,067.85).
Illi ghalkemm l-attur jghid li l-kliem miktuba bil-pinna fuq Dok Z1 a fol 18 saru wara li huwa ffirma dan il-ftehim kien

l-istess attur li esebixxa dan il-ftehim u ma ghamel xejn sabiex jikkontesta dak li hemm miktub. Il-Qorti issibha difficli temmen li dawn il-kliem gew mizjuda wara u l-attur ma ghamel xejn sabiex jirregolarizza dan il-ftehim. Ghalhekk ghal Qorti dan il-ftehim m'hu xejn hlief *res inter alios acta* u jammota ghal *pacta sunt servanda*.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited'** deciza Prim'Awla fit-30 ta' Ottubru 2003 fejn inghad li:

*"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejneithom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti idahhal f'dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qieghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali (Appell 31.5.1943* ***Farrugia vs Piscopo****"Il-principju contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur jibqa isehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. Fdawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il gustizzja u l-ekwita ghandhom ikunu supremi (Appell 15.12.1947* ***Mercieca vs Pace*** *Vol XX111 .1.pagna 603)*

**Illi ghalhekk in linea ma' dak li kien gie miftiehem fl-invoice mmarkata bhala Dok Z1 esebita a fol. 18 ta' l-atti, is-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' hamest elef u sebgha u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€5,067.85) u tordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont lill-attur f'oggetti maghzula mill-istess attur limitatament ghal din is-somma.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa t-talba attrici f'ammont ridott ta' hamest elef u sebgha u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€5,067.85).**

**L-ispejjez ta' din il-kawza u dawk ta' l-ittra ufficcjali datati 30 ta' April 2008 jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------